MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 1430/2010

GO p.l.c. (C22334).

Vs

Conrad Galea (ID. 312175M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' hames mija, disa u erbghin ewro u sitta u tletin centezmu (€549.36) minghand il-konvenut, in konnessjoni ma diversi servizzi ta' komunikazzjoni. U peress illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas diversi drabi izda baqa inadempjenti, kellha ssir din il-kawza. Bl-ispejjes u bl-imghax kontra l-konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta’ hames mija, disa u erbghin ewro u sitta u tletin centezmu (€549.36), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------